MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**LOFARO ABIGAIL LL.D., DIP. STUD. REL., MAG., JURIS (EU LAW)**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Numru 160/1999

Il-Pulizija
(Spettur Walter Spiteri)
vs
Joseph Portelli

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Joseph Portelli, iben Anthony u Mary nee’ Falzon, imwieled Tarxien u detentur tal-karta’ ta’ l-identita’ numru 638648(M) li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fl-1 ta’ Settembru, 1995 u fi zmien ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnu u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, bhala d-detentur tal-fond Pirella Supermarket, Hompesch Gate, Zabbar, jew bhala l-persuna li kellha f’idejha l-istess fond, b’mezzi qarrieqa ikkommetta serq ta’ kurrent elettriku ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, hin u ammont u talli fl-

istess zmien ghamel hsara fil-makkinarju u gumni tal-elettriku jew ikkaguna telf ta’ kurrent tal-elettriku li jammonta ghal LM5690.86c u fl-ahhar talli fl-istess zmien ghamel hsara jew kiser parti mill-meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti jew apparat jew is-sigilli taghhom liema hsara tammonta ghal anqas minn LM10 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta;

Il-Qorti giet mitluba, barra milli taghti l-piena stabbilita mil-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjes ta’ l-esperti mahtura mill-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 533 tal-Kap. 9;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tad-19 ta’ Gunju tas-sena 2000 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280, 281, 325(c), 326(1)(c)(f), 308, 309, 310, 17(b), 17(h), 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda kollha illi gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet ukoll lill-imputat fuq imsemmi jixhed minn jeddu u bil-gurament;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fil-jum, hin u lok kif imsemmi fl-imputazzjoni l-pulizija ta’ Haz-Zabbar kienu ircevew rapport minghand Ufficjali tal-Korporazzjoni EneMalta illi kienu ghadhom kif ghamlu spezzjoni fil-Pirella Supermarket Haz-Zabbar illi kienu sabu l-meter tad-dawl tal-elettriku imtaqqab.  Irrizulta lill-pulizija illi dawn l-impjegati kienu sabu xi frak taht ir-registration wheel tal-meter tad-dawl in kwistjoni u issusspettaw illi l-meter seta gie imbaghbas.  Kien ghalhekk illi gie infurmat il-Magistrat Inkwirenti u saret inkjesta magisterjali.  Il-pulizija telghet fuq il-post, kellmet ukoll lill-imputat fuq

imsemmi illi kien cahad kategorikament illi b'xi mod kien baghbas mal-meter. Huwa kien qal ukoll illi ma kienx jaf li l-meter kellu toqba.

Illi l-espert tekniku mahtur mill-Magistrat Inkwirenti fl-inkjesta ikkonkluda inter alia li l-cover tal-meter tad-dawl kien imtaqqab u kellu brix madwar it-toqba. Huwa ikkonkluda wkoll illi fuq gewwa tal-meter kien hemm it-trabijiet. L-istess espert ikkonkluda illi l-konsumatur, l-imputat fuq imsemmi kien qal illi huwa la qatt qabbad lil hadd u lanqas jaf li xi hadd qabbad xi haga illecita mal-meter tad-dawl in kwistjoni u li ma kien jaf xejn dwar it-toqba.

Illi dwar il-hsarat l-espert tekniku qal illi dawn kienu fl-ammont ta' tmien liri.

Illi xehed Anthony Gauci impjegat tal-Korporazzjoni Enemalta illi kien ghamel l-ispection fl-1 ta' Settembru, 1995 fil-Pirella Supermarket u qal illi meta fethu l-meter sabu illi kien hemm it-trab u d-disk tal-meter kellha hafna daqqiet fix-xifer. Huwa xehed ukoll illi l-meter kien qieghed f'cupboard li jissakkar, pero' fil-fatt ma kienx imsakkar.

Illi xehed ukoll Charles Fenech, impjegat tal-Korporazzjoni EneMalta illi kien prezenti meta saret l-ispezzjoni in kwistjoni. Huwa ikkonferma bil-gurament tieghu x-xhieda illi kien ta quddiem l-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi u qal illi dakinhar li saret is-surprise inspection huwa kien mar ikellem lill-impjegati tal-Korporazzjoni EneMalta. Huwa xehed illi l-meter tad-dawl in kwistjoni jinsab ezatt fejn il-main entrance tal-Pirella Supermarket u qieghed quddiem it-dhul. Huwa xehed illi l-meter qieghed ezatt mal-bieb u trid tghaddi minn quddiemu bil-fors biex tidhol fis-supermarket. Il-meter qieghed f'cupboard. Il-cupboard ghandu bieba timxi, ma tinqafilx u ma tissakkarx. Taht l-arlogg kien hemm vit tal-ilma fejn kienu ipoggu xi affarijiet tat-tindif u matul din il-gurnata din il-cupboard tinfetah il-hin kollu. L-

imputat xehed illi huwa ra l-meter fil-prezenza tal-haddiema tal-Korporazzjoni EneMalta u ra illi effettivament il-meter kien miksur. Huwa xehed illi huwa hallas is-somma ta' mitejn u hamsin lira sabiex l-impjegati tal-Korporazzjoni EneMalta bidlulu l-meter tad-dawl dak il-hin stess. L-imputat kompla jixhed illi xi ftit gimghat qabel ma saret din is-surprise inspection huwa kellu bzonn jibdel il-main switch peress illi ried ikabbar is-sistema tal-elettriku tal-Pirella Supermarket u ghalhekk kien talab lill-Korporazzjoni EneMalta sabiex jiguh fuq il-post u ta dan kien hallashom. Effettivament il-haddiem tal-Korporazzjoni EneMalta li kien engineer kien gie ghandu u ghamlu xi tnax il-siegha fuq dan ix-xoghol. L-imputat kellu electrician u engineer fuq il-post u kien hemm ukoll engineer tal-Korporazzjoni EneMalta biex jaqla c-comb tal-meter tad-dawl u jibdlu. Fil-fatt qalghu kollox biex ibiddlu s-sistema. Pero' l-imputat xehed illi ma jafx jekk qalghux l-arlogg jew le ghaliex huwa ma baqghax fuq il-post. Kien hemm pero' haddiema tieghu jissolverjaw ix-xoghol il-hin kollu. L-imputat xehed illi l-haddiema tieghu ghamlu hafna trab peress illi uzaw ic-chaser, uzaw ukoll id-driller u xehed illi ra l-haddiem tal-Korporazzjoni EneMalta bil-handbroom u anke b'duster iffarfar l-arlogg li kien imkisser. Pero' huwa sar jaf wara illi l-meter kien imkisser. L-imputat xehed illi li kieku l-meter tad-dawl kien imkisser kemm il-haddiem tal-Korporazzjoni EneMalta, u kif ukoll il-haddiema tieghu kienu jghidulu illi l-meter kien imkisser, mentri fil-fatt ma qalulu xejn. L-imputat kompla jixhed illi l-kontijiet tad-dawl kemm kemm ilha miftuha l-Pirella Supermarket dejjem ivvarjaw. Huwa xehed illi kien jiehu hsieb jitfi d-dawl biex il-konsum ma tantx jitlalu, pero' sentejn qabel huwa kien marad u ma baqghax allura jaghti kaz bhalma kien jaghmel qabel. L-imputat kompla jixhed illi huwa kellu electrician u dakinhar tal-Hadd meta kien gie ukoll engineer tal-Korporazzjoni EneMalta kien qabbad engineer biex jaghmel ix-xoghol in kwistjoni. Skond l-imputat l-ghada t-Tnejn kien gie l-electrician biex ikompli x-xoghol u dakinhar huwa kien rah b'attitudini differenti minn tas-soltu. Beda jghajjat meta dan qatt ma kien ghajjat qabel, ghamel jumejn ohra, umbaghad ma giex aktar. Huwa hallsu ta' kollox, pero' dan l-electrician ma giex aktar ghax-xoghol, pero' spjegazzjoni huwa qatt

ma tah. L-imputat xehed illi dan kollu gara xi tmien gimghat qabel gew tal-Korporazzjoni EneMalta jaghmlu s-surprise inspection in kwistjoni. L-imputat cahad katergorikament illi qatt baghbas il-meter tad-dawl in kwistjoni, jew inkariga lil xi hadd sabiex ibaghbas jew ikisser il-meter tad-dawl. Huwa xehed illi qatt ma kien jaf li l-meter tad-dawl kien imkisser jew kellu xi haga hazina. L-imputat xehed illi huwa dejjem hallas il-kontijiet tad-dawl illi kien jircevi.

Illi xehed Pio Galea u qal illi ghalhekk il-professjoni tieghu mhijiex ta’ electrician huwa jifhem fl-elettriku u l-imputat kien qabbdu biex jaghmillu xi xoghol fis-supermarket tieghu. Huwa xehed illi ghall-habta ta’ Mejju, Gunju tal-1995 l-imputat kien urih illi xtaq jirranga x-xoghol tad-dawl fil-Pirella Supermarket u kien talbu sabiex jiehu din il-bicca xoghol f’idejh. Kien ghalhekk illi Galea kien kellem lil certu Andrew Scicluna, raw ix-xoghol hargu stima lill-imputat. L-imputat accetta l-istima u sar ix-xoghol. Galea xehed illi l-imputat ried jibdel is-switch gear kollu tal-Pirella Supermarket. Galea xehed illi Scicluna applika sabiex jigu tal-Korporazzjoni EneMalta jifthulhom sabiex ikunu jistghu jaghmlu x-xoghol. Ghamlu appuntament ma tal-EneMalta u ghamlu x-xoghol. Il-gurnata kienet il-Hadd. Galea xehed illi tal-Korporazzjoni EneMalta tefghulhom id-dawl, qalghu l-fuses tal-Gvern sabiex huma ikunu jistghu jahdmu minghajr perikolu, qalghu l-apparat ezistenti u installaw apparat gdid u kien hemm impjegat tal-Korporazzjoni EneMalta li qaghad maghhom il-gurnata kollha u fil-fatt anke tahom xi daqqa ta’ id anke per ezempju newlilhom xi ghodda. Wara illi tlesta x-xoghol dan l-impjegat cempel lill-Korporazzjoni EneMalta, gew xi nies tal-Korporazzjoni EneMalta u regghu xeghelulhom d-dawl, kollox normali kif kien qabel, wara li ivverifikaw illi kien ghadda kollox kif suppost. Galea xehed illi kienu qeghdin jahdmu fuq barra tas-supermarket, pero’ fl-entratura kien hemm zewg sliding doors u d-dawl kien fi speci ta’ closet u dana b’referenza ghall-meter tad-dawl in kwistjoni. Galea xehed illi tal-Korporazzjoni EneMalta lilu ma qallux li kien hemm xi haga mhux f’postha u lanqas siehbu l-imsemmi Andrew Scicluna ma kien infurmah li kien hemm xi haga mhux f’postha.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti tara illi mill-provi li gew prodotti mid-difiza, id-difiza irnexxiela teghleb l-presunzjoni illi tohrog mil-Ligi f'kazijiet bhal dawn u precizament mill-Artikolu 264 (2) tal-Kap. 9 u dana peress illi d-difiza ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi illi l-imputat ma kienx jaf illi l-meter tad-dawl illi kien hemm fil-Pirella supermarket kellu toqba u li kien b'xi mod gie imbaghbas. L-imputat ipprova illi madwar tlett xhur qabel ma saret is-"surprise inspection" in kwistjoni mill-impjegati tal-Korporazzjoni EneMalta huwa stess kien sejjah lill-impjegati tal-Korporazzjoni EneMalta sabiex jissolverjaw ix-xoghol u jiskru s-sigilli tal-meter u dana peress illi huwa ghamel xoghol estensiv fis-sistema tal-elettriku tal-Pirella Supermarket. L-imputat irnexxielu jipprova illi huwa ma kienx prezenti waqt illi kien qieghed isir dan ix-xoghol, imma kellu persuni imhallsa minnu sabiex jiehdulu hsieb dan ix-xoghol. Kien hemm prezenti wkoll Ufficjal mill-Korporazzjoni EneMalta matul il-gurnata kollha li fiha sar ix-xoghol in kwistjoni. L-imputat ipprova wkoll illi l-meter tad-dawl in kwistjoni qieghed ezatt quddiem id-dhul tal-Pirella Supermarket, qieghed ezatt mal-bieb u trid tghaddi bil-fors minn quddiemu biex tidhol fis-supermarket. Huwa ipprova ukoll illi l-meter qieghed f'cupboard, liema cupboard ghandu bieba timxi, pero' ma tissakkarx u ghalhekk xi hadd injott seta facilment kellu access ghal dan il-meter tad-dawl, prattikament kull min jidhol fil-Pirella Supermarket.

Illi l-istess xhud tal-Prosekuzzjoni Anthony Gauci, impjegat tal-Korporazzjoni EneMalta, xehed li l-meter kien f'cupboard li jissakkar, pero' ma kienx imsakkar fil-hin illi saret is-surprise inspection.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti filwaqt illi tiddikjara lill-imputat fuq imsemmi mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, qeghda tilliberah minn kull imputazzjoni htija u piena.

(ft) Rita Mangion
Deputat Registratur

Vera kopja,

Deputat Registratur